**Qorti tal-Magistrati (Ghawdex)**
**Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dottor Giovanni Grixti LL.D. LL.M.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Antonello Grech)**
**- vs -**
**Franklin Hili ta' 18-il sena, iben Nazzareno u Nathalie nee Theuma li joqghod 52B, Triq Gorf, Xaghra, Ghawdex.**
**(I.D. no. 385181M)**

Illum 23 ta' Mejju, 2001.

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat talli fil-15 ta' Jannar, 2000 ghal habta tan-00.25a.m. (1) saq karozza GAH 176 matul Triq Rabat limiti tal-Munxar, Ghawdex u b'imprudenza, negligenza u b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku habat ma' karozza BBG 631 u kkagunalha hsara ghad-dannu ta' Raymond Cini miz-Zebbug, Ghawdex, ikkaguna hsara fuq karozza GAH 176 ghad-dannu ta Nazzarenu Hili mix-Xaghra, Ghawdex, ma' karozza CAK 719 u kkagunalha hsara ghad-dannu ta' Victor Hili mill-Imgarr, Ghawdex, u ma' karozza AAO 776 u kkagunalha hsara ghad-dannu ta' Josam Portelli min-Nadur, Ghawdex, (2) saq l-istess karozza b'velocita eccessiva u b'manjiera perikoluza (3) aktar talli kkaguna hsara fi 'Crash Barrier' u l-fanal li kien marbut mal-'Barrier' ghad-detriment tal-Gvern ta' Malta (PWD Dept. Road Sect.), (4) aktar talli kkaguna feriti gravi fuq il-persuna ta' Diane Azzopardi mix-Xaghra, Ghawdex skond kif iccertifika Dr. Michael Portelli M.D. tal-Isptar Generali t'Ghawdex, u feriti fuq il-persuna ta' Raymond Cini miz-Zebbug, Ghawdex skond kif iccertifika Dr. Martin Cutajar M.D.

Semghet il-provi;

Semghet ukoll ir-rinunzja ta' Nazzareno Hili u Raymond Cini;

A skans ta'ripetizzjoni il-Qorti taghmel referenza ghad-decizjoni taghha tal-lum fil-kawza fl-ismijiet 'Il-Pulizija -vs- Raymond Cini';

Ghall-istess motivi ma ssibx lill-imputat hati u tilliberah.

(ft) Giovanni Grixti
Magistrat

(ft) Eva Buttigieg
Skrivana

Vera Kopja

Ghar-Registratur